Prim'Awla tal-Qorti Civili

Citaz. Nru. 388/84

Michael Gatt bhala Direttur in rapprezentanza ta' Thos. C. Smith (Insurance) Agency Ltd. u dina bhala mandatarja ta' Eagle Star Insurance Co. Ltd., socjeta` estera, bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emanuel Vella; u b'nota ta' l-24 ta' April 1985 Joseph Pace assuma l-atti tal-kawza minflok Michael Gatt fil-kwalita` tieghu premessa

vs

John Cavallo u Godwin Abela in rapprezentanza ta' The Cargo Handling Company Limited

Illum, 30 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Marzu 1984 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

….

talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

….;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

(a fol. 19) ….;

Rat id-digriet tat-18 ta' Ottubru 1985 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Franco Vassallo bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-17 ta' Marzu 1989 fejn ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Gavin Gulia;

Rat id-digriet tat-18 ta' Novembru 1996 fejn ghall-imsemi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Georg Sapiano;

Rat id-digriet tat-30 ta' Mejju 2000 fejn gie revokat "contrario imperio" d-digriet tan-nomina tal-perit legali;

Rat l-atti l-ohra tal- kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda konsenja ta' tmien *bales* drapp li gew importati Malta minn Emanuel Vella, l-assikurat tas-socjeta` attrici, fil-25 ta' Awissu 1983.

L-assikurat ghamel *claim* mas-socjeta` attrici minhabba xi hsara zghira li kellu f'*bale* minnhom u minhabba li tliet *bales* ma gewx konsenjati. Difatti huwa thallas l-ammont ta' Lm970.83 in soddisfazzjon tal-*claim* tieghu. Is-socjeta` attrici qieghda ghalhekk titlob din is-somma minghand is-socjeta` konvenuta.

Kif gie ta' spiss ritenut, ir-ricerka ghar-responsabbilta` hija dejjem riducibbli ghall-ezami ta' zewg mumenti fokali:

(1) meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment ghal dik li hija r-responsabbilta ta' l-armatur, u
(2) meta l-merkanzija tigi kkonsenjata lill-importatur mid-Dwana ghal dik li hija r-responsabbilta` tal-*Cargo Handling*.

Ghaz-zewg mumenti fokali hemm il-prova dokumentarja li ghandha *juris tantum* tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord – it-*tally sheet*; u ghat-tieni mument, qabel il-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi – l-*Gate Pass Out*. Il-partijiet ghandhom l-opportunita' *a tempo vergine* fil-kompilazzjoni ta' dawn id-dokumenti li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Dawn id-dokumenti ghandhom ghalhekk ikunu prova tal-kontenut ta' dak illi gie ddikjarat. Tali prova tista' tigi ribattuta bi provi li jridu jkunu ferm konvincenti biex jigi annullat il-valur probatorju taghhom.

Fil-kaz in ezami, mit-*tally sheet* redatt mit-*tally clerks* ta' l-agent tal-vapur u tas-socjeta` konvenuta (a fol. 38 tal-process), jirrizulta li t-tmien *bales* waslu Malta u m'hemm l-ebda rimarka fir-rigward taghhom fuq l-istess *tally sheet*. Mill-banda l-ohra m'hemm l-ebda dubju li lill-importatur gew ikkonsenjati biss

hames *bales*. Dan mhux biss jirrizulta mix-xiehda tal-fizzjal tad-Dwana Peter Paul Bonnici li xehed quddiem il-Qorti fil-25 ta' Gunju 1985 u mid-dokumenti minnu esebiti, izda jirrizulta sahansitra mill-*cargo receipt* esebit minn Emanuel Dimech, li kien impjegat mas-socjeta` konvenuta, meta xehed f'seduta peritali tat-3 ta' Dicembru 1993. Dimech xehed in kontro-ezami li ma setax jesebixxi l-*gate pass-out* peress li d-dokumenti kollha sal-1985 gew distrutti wara maltempata ta' xita qawwija. Pero` huwa spjega li l-*cargo receipt* huwa *"dikjarazzjoni dwar l-istat li l-merkanzija tkun giet konsenjata lill-importatur wara li jkun sar ic-checking mal-gate pass-out u d-delivery order u t-tally sheets"*. F'dan il-kaz mela, galadarba mit-*tally sheet* jirrizulta li l-merkanzija waslet intatta u mill-*cargo receipt* jirrizulta li giet ikkonsenjata biss parti minnha, ir-responsabbilta` ghan-nuqqas ghandha taqa' fuq min kellu l-kustodja ta' l-istess merkanzija sakemm giet ikkonsenjata.

Meta merkanzija titnizzel minn fuq ivapur din tghaddi taht il-kustodja tas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited. Hekk gara f'dan il-kaz u n-nuqqas sehh waqt li din kienet taht il-kustodja taghha. Ghalhekk ghad-danni subiti trid tirrispondi hi. Billi mis-*survey report* jirrizulta li kien hemm anke xi hsara f'*bale* minnhom, is-socjeta` konvenuta ghandha twiegeb anke ghal dik il-hsara.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u tilqa' t-talbiet attrici billi:

(1) tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat fuq imsemmija, u

(2) tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta’ Lm970.83 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.